MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 376/2007

Kawza fil-lista: 34

**C B**
**vs**
**A B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi C B u l-konvenuta zzewwgu fil-Knisja ta’ Santa Liena Birkirkara fit-28 ta’ Awwissu 1996, kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat bhala Dok ‘A’;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, u ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b' qerq dwar kwalita tal-konvenuta li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attur umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-28 ta' Awwissu 1966, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b' mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni taghha.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta' Awissu 1966 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' l-attur fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Awissu 1966 meta allura t-tnejn kellhom 26 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sitt xhur. Minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt-it tfal, li twieldu fis-6 ta' Jannar 1970 u fl-1 ta' Jannar 1974; u cioe' l-ewwel wahda twieldet wara erba' snin miz-zwieg, u t-tieni wahda twieldet wara tmien snin. Wara konvivenza matrimonjali twila, il-partijiet isseparaw de facto, u fit-22 ta' Novembru 2004 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

*Verzjoni ta' l-attur*

Fl-ewwel depozizzjoni[1] tieghu, l-attur, li llum ghandu 68 sena, jghid li fiz-zmien meta hu kien jiffrekwenta lill-konvenuta huwa kien emergency teacher u ried jidhol il-kullegg fejn, jekk tkun guvni ma tithallasx ghall-ewwel sentejn, filwaqt li jekk tkun mizzewweg wiehed kien jithallas salarju. Huwa jispjega li kien ghalhekk li fi zmien qasir li kien sar jaf lill-konvenuta huwa kien ipproponilha li jizzewwgu; u din minn naha taghha kienet accettat peress li kienet qeda tikber fiz-zmien u ma rieditx tibqa' xebba. Huwa jghid li meta zzewwgu huma ma kienux ihobbu lil xulxin, u "izzewwigna biex nibqa' niehu s-salarju". Jispjega li z-zwieg "ma kienx hazin sa' l-ahhar mill-bidu nett imma mbaghad ir-relazzjonijiet bdew jiehzienu [ghax] qabel, ahna kellna open-mind u gieli kien hemm xi rgiel ohra fin-nofs bil-kunsens taghna t-tnejn." Jghid li kienu jesperimentaw bis-sess, u circa darba fix-xahar kien ikunu jaghmlu s-sess bl-intervent ta' ragel iehor. Huwa kien ikun prezenti waqt li martu kien ikollha relazzjonijiet intimi ma' dan ir-ragel. Jispjega li ma kienx

[1] Moghtija fit-3 ta' Gunju 2008 [fols.17 et seq.]

hemm imhabba bejniethom u allura ma kienx jghir ghal martu u lanqas kien jiddejjaq li din ikollha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra, basta bil-kunsens tieghu. Jghid li din l-attivita' bdiet issir ftit wara z-zwieg.

L-attur jghid li martu ma kientix thobbu "ghax kieku kienet thobbni vera, ma kienitx taghmel ma' rgiel ohra, u kieku kont inhobbha vera ma kontx ser nhalliha taghmel ma' ragel iehor." Izda meta dan nduna li eventwalment martu kellha relazzjoni extra matrimonjali ad insaputa tieghu, huwa hass li dan kien tradiment, u ghalhekk kien iddecieda li jissepara, haga li m' ghamilx f' dak iz-zmien ghax "ghidt din ser issib xi wiehed u jitfaghha l-Gzira, isir xi pimp minn fuqha, ghidt li t-tfal ghadhom zghar u ser jitilfu l-futur taghhom."

L-attur jghid ukoll li huwa ghandhu l-vizzju tal-loghob li jirrisali ghal meta kellu 14-il sena, u kien heba dan il-fatt mill-konvenuta, izda sussegwentement, circa seba' snin wara z-zwieg, meta allura n-negozju tieghu ha daqqa 'l isfel, l-mara tieghu kienet indunat li kellu dan il-vizzju peress li l-kredituri tieghu kienu jigu wara l-bieb tad-dar tieghu. Dan kien wara li kienu twieldu t-tfal, u cioe' circa tmien snin mid-data taz-zwieg. Huwa jghid li l-mara ma kienitx tiehu flus minghand dawn l-irgiel, ghax "konna ftehmna li nesperimentaw is-sex."

L-attur kien rega' xehed fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2008, kemm qabel ma' xehdet il-konvenuta, kif ukoll wara. Jghid li wara seba snin il-konvenuta kienet indunat li kellu l-vizzju tal-loghob minhabba li n-negozju tieghu kien mar lura; izda jsostni li "in-nies kont inressaqhomlha jien mhux proprju ghal flus, hi hadet zball [fix-xhieda taghha]. Ahna konna nressqu n-nies ghal gost."[2] Jghid li huma kienu bdew jaghmlu "il-kummiedji tas-sex ftit gimghat wara li zzewwigna."

Jghid li llum qed jitlob l-annullament peress li jhobb ohra u ghandu relazzjoni maghha; u li din hi ta' nazzjonalita'

[2] Fol.46

Ciniza u skond hu ghandha l-pozizzjoni ta' "personal carer".

*Verzjoni tal-konvenuta*
Din ikkonfermat li huma kienu zzewwgu daqshekk malajr sabiex l-attur seta' jithallas salarju waqt li kien il-kullegg. Tghid li hija kienet accettat il-proposta tieghu ghax "bhal speci kont imdejjqa, wahdi, u hekk, u xtaqt bhal speci ningabar."[3] Hija tghid li qabel ma sseparaw, kienu ilhom jghixu flimkien "over 13 years" u kien l-attur li telaq mid-dar ghax kienu jargumentaw spiss. Tghid li l-inkwiet kien jinqala' minhabba l-vizzju tal-loghob li kellu l-attur. Tghid li sussegwentement kien beda jressqilha l-irgiel biex ikollha x' taqsam maghhom "habba biex intih il-finanzi, biex ikompli jkollu biex ihallas…. Beda jgibli l-irgiel biex ihallas il-pagamenti u hekk mbaghad bdejna l-hin kollu nargumentaw, u niggieldu, lanqas naraw wicc xulxin." Tghid li dan l-inkwiet inbeda "forsi wara li kelli t-tieni baby". Tikkonferma li din is-sitwazzjoni bdiet "wara li kelli t-tfal." Il-konvenuta tispjega li dan ma kienx isir bil-kunsens taghha, izda l-attur "kien jinsisti mieghi." Hija tammetti li wara li kellha iz-zewgt-it tfal hija kienet dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' ragel iehor.

Fuq mistoqsija tal-Qorti l-konvenuta tghid li sa qabel it-tfal iz-zwieg "kien normali" u l-attur qatt ma kkontesta l-fatt li t-tfal kienu tieghu.

Illi fl-istess seduta, wara li kien rega' xehed l-attur, il-konvenuta tghid li wara sena ta' zwieg huma kienu jaghmlu s-sess ma koppji ohrajn, izda ma setghetx telabora aktar u tghid "Issa ma nafx ghax iz-zmien ghadda", ghalkemm ulterjorment tghid li dawn l-affarijiet kienu jigru wara tlett snin taz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu b' mod ezawrienti; u l-Qorti thoss li m' ghandhiex taghti affidament lill-verzjoni ta' l-attur li ma hi korroborata bl-ebda mod, anzi f' certi aspetti ssib konfront mal-verzjoni

[3] Dep. 28 ta' Ottubru 2008 [fols.30 et seq.]

tal-konvenuta. Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi ta' l-attur li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet kienu eskludew l-obbligu tal-fedelta' u tal-benessere reciproku, jew li ma kellhomx certu dixxerniment ta' l-obbligi u d-drittijiet matrimonjali.

Apparti minnhekk, ma ngabet ebda prova in sostenn ta' dak li qal l-attur fis-sens li huwa kellu vizzju akut tal-loghob anke qabel iz-zwieg, wara kollox, il-konvenuta tghid li hi kienet skopriet li hu kellu dan il-vizzju wara circa seba' snin taz-zwieg; u l-Qorti tosserva li huwa ferm difficli li wiehed jahbi minn martu ghal numru tas-snin dan it-tip ta' vizzju. Ghalhekk hija izjed propensa li taccetta bhala veritier il-fatt li l-attur kien dahal f' dan il-vizzju wara z-zwieg, u li kien gieghelu li jinsisti ma' martu li din tipprostitwixxi lilha nnifisha sabiex ihallas il-pagamenti.

Illi inoltre, ma rrizultax li z-zwieg tfarrak minhabba xi kwalita' inerenti fil-konvenuta fit-termini tal-paragrafu [c] fis-sens li l-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien inkiseb b' qerq. In fatti, fl-ewwel depozizzjoni taghha, il-konvenuta tghid li l-inkwiet beda wara circa 4 snin u nofs mit-twelid ta' l-ewwel tarbija [fis-sena 1970], u ghalhekk kwazi tmien sin wara z-zwieg, meta l-attur kien beda jresqilha l-irgiel biex ikun jista' jhallas il-kredituri tieghu.

Illi din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li meta l-partijiet izzewwgu huma diga' kellhom 26 sena u kienu diga' fid-dinja tax-xoghol, u tenut kont tal-fatt li f' dak iz-zmien l-attur kien jahdem bhala edukatur; tenut kont tal-fatt li l-partijiet isseparaw wara konvivenza matrimonjali twila; kif ukoll tal-fatt li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal b' intervalli ta' erba' snin; u in fine, tenut kont tal-fatt li, apparti mix-xhieda tal-partijiet, ma ngabux provi ulterjuri biex jikkorroboraw dak sostnut mill-attur; il-Qorti hija tal-fehema li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentement li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat la fit-termini tal-paragrafi fuq citati, u lanqas fil-korrispettivi kanoni tal-Kodici Pio Benedittino li huwa applikabbli ghal kaz stante li z-zwieg jirrezali ghal wara s-sena 1975; u ghalhekk it-talba tieghu ma timmeritax li tigi milqugha, stante li mhijiex sodisfacentement sostnuta mill-provi.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------